# Ġawhar li jżejnu lil Ħal Balzan

## Li tgħix qrib il-Gran Mastru kien ifisser bosta!

*George Maggi*

Kull raħal għandu l-karatteristiċi tiegħu. Daqskemm il-ġonna, li fl-imgħoddi kienu bil-bosta aktar, li jsebbħu u huma karatteristika ta' Ħal Balzan u jagħmluh pittoresk, daqstant ieħor huma l-palazzi, il-vilel u d-djar ta' karattru li jagħtuh timbru speċjali. Dawn ma twaqqfux bl-addoċċ iżda bi ħsieb.

Kien il-Kavallier ta' l-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann minn Toulouse fi Franza, Antoine De Paule, li twebbel jibni palazz b'arkitettura li tixraq u li tkompli ma' l-ambjent tal-kampanja f'dawn l-inħawi.

Ried palazz bi ġnien kbir, u ġnien kbir jeħtieġ ilma ġieri bil-kwantità. Għalhekk sar studju madwar il-gżira u nstab li l-inħawi ta' Ħal Balzan kellhom kwantità kbira ta' ilma ġieri. Għaldaqstant, il-proġett li xtaq De Paule seta' jsir hawn. B'hekk inbena Sant'Anton bil-ġmiel tal-palazz u l-ġnien kbir miegħu li llum hu dejr il-President ta' Malta.

Sadattant, il-Kavallier De Paule inħatar Gran Mastru (1623-1636), u meta laħaq f'din l-ogħla ħatra fost l-oħrajn amar li l-qligħ li kien isir mill-prodotti agrikoli, bħal m'huma frott, ħxejjex u fjuri mill-ġnien tal-Palazz, kellu jmur għall-ispejjeż tax-xwieni ta' l-Ordni biex dawn iħarsu l-gżejjer Maltin mill-ħbit ta' l-għadu.

Il-kbarat tal-belt Valletta u dawk ta' l-Imdina, kemm minħabba li saru jafu bil-vantaġġ ta' l-ilma ġieri u kemm biex ikunu qrib is-Sultan tagħhom fiżikament, tħajru wkoll jagħmlu bħalu.

Għalhekk qabbdu l-aqwa arkitetti ta' dawk iż-żminijiet li bnewlhom ġmiel ta' palazzi, vilel u djar.

Qrib il-Gran Mastru kien ifisser bosta. Għax, minbarra li kienu jżommu l-livell għoli nobiljari tagħhom, kienu jkunu qrib tiegħu biex jiltaqgħu u jiddiskutu miegħu xi proġett, xi pjan jew xi favur. Minħabba li jkunu qrib is-Sultan, setgħu aktar ikollhom l-opportunità li jkunu mistiedna għal xi festin, xi bankett jew xi tifkira ta' xi ġrajja kbira. Il-laqgħat f'dawn l-okkażjonijiet, minbarra li jsiru fil-Palazz tal-Gran Mastru, kienu jfissru ħafna. Għax dak li dawn in-nobbli kien ikollhom iberren f'moħħhom setgħu jiftehmuh ukoll bejniethom, minbarra ma' l-istess Gran Mastru.

Min-naħa tagħhom huma wkoll setgħu, aktar minn nobbli oħra mxerrdin madwar il-gżira, jistiednu lill-Gran Mastru fil-palazzi u vilel tagħhom u b'hekk juru l-kobor u l-isplendur tan-nobbiltà tagħhom. Is-setgħa u n-nobbiltà kienu jimxu id f'id.

Fost dawn il-palazzi, l-eqreb wieħed lejn il-Palazz Sant'Anton kien dak Testaferrata, fejn illum hemm il-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan, il-Berġa, u l-Posta fi Triq il-Kbira. Familja antika mill-Imdina bniet dan il-kobor ta' palazz biswit Sant'Anton, tista' tgħid iħokk miegħu. Maż-żmien dan il-palazz, bi stil ta' elementi barrokki bħalm'huma x'uħud mill-binjiet ta' karattru oħrajn f'Ħal Balzan, intuża għal bosta għanijiet fosthom Qorti, Skola, Sptar, Post tal-Votazzjoni u issa Kunsill Lokali, Berġa u Posta. Meta kien Qorti fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, inqatgħet fih il-famuża sentenza ta' Carmelo Borg Pisani.



'L isfel minnu, dejjem fi Triq il-Kbira, hemm id-Dar tar-Reġġent, binja oħra mill-isbaħ fuq stil barokk b'gallarija u persjani lewn blu. Ukoll mill-Imdina, dan ir-Reġġent kien l-aħħar *Capitano della Verga* (Il-Kaptan tal-Virga) ta' l-Imdina. Mhux biss minn barra iżda wkoll minn ġewwa din id-dar jew, aħjar, palazz jixhed il-ġmiel ta' l-arkitettura tas-Seklu Sittax.

Palazzo Olivier fl-istess triq hu xhieda oħra mill-isbaħ tal-grandezza tan-nobbiltà. Il-kobor tas-swali tiegħu msebbħin b'pitturi, u l-armaturi li jsebbħu l-intrata wiesgħa, huma xi ħaġa ta' l-akbar preġju. Illum f'dan il-Palazz jgħixu l-familja Borg Olivier de Puget.

Lilhinn minn Sant'Anton, iżda dejjem qrib il-Gran Mastru, insibu l-Palazz tal-Kommendatur ta' l-Ordni ta' San Ġwann Fra Vincenzo Bosio, fi Triq Mons. F.X. Zahra; b'xorti tajba dan qed ikun restawrat, biċċa xogħol li ħaqqha kull tifħir. Il-bust ta' dan in-nobbli għadu mqiegħed f'niċċa fl-indana tat-taraġ prinċipali. Wara d-daħla prinċipali hemm bitħa kbira u dawramejt magħha hemm gallarija bil-balavostri u bis-saljaturi, kollox tal-ġebel. Fuq ġenb minnhom tal-bitħa hemm imħażen. It-taraġ għall-*piano nobile* jitla' mħaxken minn ġo din il-bitħa. Is-swali huma grandjużi u juru l-ġmiel tan-nobbiltà.

Fi Triq it-Tliet Knejjes hemm żewġt idjar sbieħ ta' karattru, Casa del Gioco u d-Dar tas-Sur Giuseppe Frendo. Ta' l-ewwel illum joqgħod fiha t-Tabib Zammit Montebello. Fiż-żmien din id-dar kbira, li l-faċċata tagħha hi irtirata mit-triq, kienet isservi ta' speċi ta' Casinò. Hemm xnigħat li jsostnu li kellha passaġġ fuq wara li minnu, meta l-lagħaba kienu jintebħu li qed ikunu mgħassa jew se jinqabdu, kienu jaħarbu.

*għal paġna 39*

*minn paġna 38*

Marbuta b'xi mod magħha u ftit bogħad minnha man-naħa l-oħra tat-triq hemm id-Dar tas-Sur Giuseppe Frendo li kien il-mexxej tal-Balzanin fi żmien il-Franċiżi. Kemm-il darba l-Gran Mastru ġibidlu l-attenzjoni dwar xi logħob li kien qed isir kważi faċċata tad-dar tiegħu f'Casa del Gioco u li kellu jieħu passi biex iwaqqfu.

Fi Triq il-Providenza nsibu Palazzo San Antonio. Il-faċċata ta' dan il-Palazz grandjuż mill-ewwel tixhed il-maestà tiegħu. Biss biss, il-gallarija bi skultura mill-isbaħ u kumplikata fix-xogħol tagħha turi kemm min bnieha ried juri l-apprezzament tiegħu għall-arti fil-ġebla Maltija.

Fuq iż-żewġ naħat tal-gallarija hemm żewġ twieqi kbar, bħalma hemm ukoll mal-ġnub tal-bieb prinċipali imponenti. Għalkemm il-palazz jikkonsisti fi pjan terren u sular biss fuqu, l-għoli tal-binja jagħtih dehra ta' kobor immens. Fuq il-pjan terren, li jintlaħaq minn taraġ, jinfirex il-*piano nobile* li fih sala b'aċċess għall-gallarija famuża tal-ġebel. Naturalment, hemm kmamar kbar oħra. Il-palazz inbena ħabta ta' l-1700. Illum fil-Palazz tgħix il-familja Laferla.

Villa Macedonia fi Triq Sisner kantuniera ma' Triq San Valentinu, għalkemm inbniet fl-1934, hi wkoll villa tabilħaqq maestuża għax mhux biss il-kobor tagħha jpaxxi l-għajn iżda wkoll il-kobor ta' ġnien mimli siġar u funtani. Fil-kantuniera tagħha l-Konti Manduca b'devozzjoni għamel statwa tal-Madonna ta' l-Abbandunati li hi meqjuma fi Spanja u Malta fuq l-għolja tal-Wardija. Il-lum Villa Macedonia hi r-residenza privata ta' l-Ambaxxatur ta' Spanja.

Biswit il-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata hemm id-Dar tat-Tabib Fra Giuseppe Zammit li, fuq wieħed mill-bibien fid-daħla tad-dar, ħalla miktub bil-Latin li ried li din id-dar jgħaddiha aktar sabiħa milli sabha lil ta' warajh. U hekk ġara wara li kienet ilha s-snin mitluqa, għax illum saret *Fra Giuseppe Wine Bar*. Dar ċkejkna, iżda li minbarra l-pjan terren għandha wkoll aktar sulari.

Minbarra dawn il-palazzi u vilel, f'Ħal Balzan jinsabu bosta binjiet oħrajn li bl-arkitettura mirquma tagħhom isebbħu r-raħal Balzani, u filwaqt li jistgħu jitqiesu bħala wirt nazzjonali jgħollu l-livell tiegħu għal raħal storiku u aristokratiku.

Tabilħaqq għandhom biex ikunu kburin il-Balzanin illi jgħixu mkennin minn dawn il-ġmiel ta' palazzi, vilel u djar ta' karattru. Patrimonju nazzjonali li għandu jkun sfruttat saħansitra mill-qasam turistiku. Għax żgur dan il-ġawhar arkitettoniku Balzani għandu jkun l-ammirazzjoni tat-turisti fostna. ❐

Ref.: Ma' l-istoriku Balzani Carmel Bezzina B.A., M.A., Med. Couns. (Bristol)
*Storja ta' Malta*, Patri Andrew P. Vella.
*Outlines of Maltese History*, Rev. Mons. S. Laspina
*Ħal Balzan*, Mons. Dun Ġwann Dimech

